MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-2 ta' April, 2004

Talba Numru. 1527/2003

**Citadel Insurance p.l.c., kif surrogata fil-jeddijiet ta' Maria Theresa Grech, sia bil-polza u sia bil-Ligi, u l-istess Maria Theresa Grech**
**vs**

**Rennie Briffa**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta` attrici fil-31 ta' Lulju, 2003, fejn intalab il-hlas ta' tlett mija u sitta u sittin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm366.75) rapprezentanti danni sofferti mill-atturi (Lm100 excess imhallsa mill-attrici Maria Theresa Grech, u l-kumplament thallas mis-socjeta` Citadel Insurance p.l.c.) wara l-incident stradali fil-post u data premessi bejn vettura FBN-813 misjuqa minn Maria Theresa Grech u vettura JAZ-528 misjuqa mill-konvenut, ghal liema incident jahti unikament l-istess konvenut;**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-21 ta' Mejju, 2003 kif ukoll ta' dik ipprezentata kontestwalment fil-konfront tas-socjeta` Montaldo Insurance Agency Ltd. in rapprezentanza tas-socjeta` estera American Home Assurance Company ghal finijiet tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghax sa l-effettiv pagament kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici u mill-attrici ghas-subizzjoni tal-konvenut.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma deherx.**

**Ghaldaqstant fil-kontumacja tal-konvenut u peress illi t-talba tal-atturi tirrizulta pruvata, it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici, isib lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident de quo u jikkundannah ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn u sitta u sittin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm266.75) u lill-attrici Maria Theresa Grech is-somma ta' mitt lira Maltija (Lm100.00), bl-imghaxijiet legali fuq l-imsemmija ammonti mil-21 ta' Mejju, 2003 sal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-21 ta' Mejju, 2003 kif ukoll ta' dik ipprezentata kontestwalment fil-konfront tas-socjeta` Montaldo Insurance Agency Ltd. in rapprezentanza tas-socjeta` estera American Home Assurance Company ghal finijiet tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta, ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------